MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 112/2012

**Appell Nru: 112/2012**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Charlot Zammit**

Illum 24 ta' Jannar, 2013
Il-Qorti,
Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Charlot Zammit, [detentur tal-karta tal-identita` numru 43786M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
F'dawn il-Gzejjer, fil-11 ta' Dicembru 2008 ghall-habta ta' 8.30a.m., u matul l-ahhar xhur qabel din id-data waqt li kien fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin:

1) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li

jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2) U aktar talli b'hekk sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Frar, 2012 fejn wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artkoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, l-Artikoli 33A, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u ikkundannatu ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva.

Rat ir-rikors tal-appellant Charlot Zammit pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-7 ta' Marzu, 2012 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirrevoka tikkonferma is-sentenza appellata fil-parti fejn sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u tvarja u tbiddel il-piena inflitta u tissostitwiha ghal wahda aktar miti u gusta ghal dan il-kaz, u dan skond dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.
Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti filli fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-piena hija wahda eccessiva u dan ghar-ragunijiet segwenti :

Illi l-appellant inqabad fil-vizzju tad-droga u diffikultajiet li ghaddha minnhom kif ukoll l-izbalji kollha li wettaq, liema zbalji diga` hallas ghalihom, kienu kollha indotti u konsegwenza tal-fatt li l-appellant spicca tossikodipendenti ghal diversi snin.

Illi l-fatt li nstab fil-pussess ta' droga fil-habs juri bic-car il-problema li kien jinsab fiha l-esponent, tant illi wassal biex ikun ikkontrollat minn dan il-vizzju anke f'istituzzjoni li fiha wiehed jistaqsi kif dan xorta ipprokura ghalih sustanzi stupefacenti.

Juri wkoll illi l-piena karcerarja mhux idonea ghal persuna tossikodipendenti.

Hemm riskju serju li persuna li tintbghat lura l-habs meta din qieghda taghmel kull sforz mehtieg biex tohrog minn dan il-vizzju terga titlef dak kollu li tkun akkwistat.

Illi l-kors ta' din il-kawza, l-Qorti anke semghet lill-probation officer li spjegat il-progress kbir li qieghd jaghmel l-appellant u kif dan illum qieghed ikun responsabbli mhux tieghu innifsu biss, izda wkoll ghal familja li huwa bena.

Illi l-appellant aktar milli jiskonta piena karceraraja, fejn del resto f'din l-istituzzjoni pprokura d-droga, huwa jehtieg li jkun mghejjun biex ikompli ghaddej fit-triq it-tajba li huwa qabad, bit-tama li jgheleb il-problema ta' tossikodipendenza u jibni lilu nnifsu bhala persuna responsabbli ghalih u ghall-familja tieghu.

Illi l-iskop tal-gustizzja kriminali m'ghandiex isservi biss biex wiehed f'kaz ta' sejbien ta' htija, persuna tinghata piena.

Huwa essenzjali li s-sistema gudizzjarja, fil-kamp kriminali, tkun mezz li tghin ghar-riforma tal-persuna. L-appellant qieghed jaghmel is-sehem tieghu u ghalhekk ghandu jigi mghejjun biex ikompli jibni fuq dak li bena.

Huwa essenzjali, li l-process kriminali, li f'dan il-kaz kien hemm ammissjoni da parti tal-appellant, ghandu jwassal

ukoll biex il-hati, partikolarment f’kaz bhal dan, jinghata kull ghajnuna mehtiega biex johrog mill-vizzju li wasslu ghall-problemi kbar li kellu jaffaccja.

Illi f’dan il-kaz, l-appellant huwa ezempju car ta’ persuna li waqa` fil-vizzju tad-droga, hallas prezz qares ghall-fatt li spicca f’dan il-vizzju, fehem il-htiega li jbiddel hajtu u li jindirizza s-sors tal-problemi li kellu jaffaccja, u issa qieghed jaghmel minn kollox biex ikompli jirriabilita` lilu nnifsu u jsir il-persuna responsabbli kemm ghalih u kemm ghal familja tieghu.

Illi f’dan il-kaz, ghalhekk, huwa opportuni li l-piena karcerarja tinbidel u l-piena li tigi nflitta ghandha tkun wahda li taccerta li l-appellant ikompli jigi mghejjun biex isir il-persuna responsabbli li qeighed isir, u dan kif jista` jigi kkonfermat mill-ufficjal tal-probation li qieghed isegwih.

Ikkunsidrat.

Illi fil-15 ta’ Marzu, 2010 l-appellant deher quddiem il-Qorti tal-Magistrati sabiex iwiegeb ghal akkuzi in konnessjoni ma pussess tad-droga eroina u wkoll talli kien recidiv. L-appellant ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u b’Sentenza moghtija fid-29 ta’ Frar, 2012 l-ewwel Qorti kkundannatu ghal sitt xhur prigunerija. L-appellant dehrlu illi dan it-terminu ma kienx idonju u ghalhekk interpona appell.

Ikkunsidrat.

L-appellant argumenta illi sitt xhur prigunerija huma twal wisq meta tqis illi ghamel progress kbir kif ukoll bidla radikali f’hajtu. Il-problemi li kellu kienu kollha kemm huma dovuti ghad-droga u jekk imur il-habs il-problemi jkomplu jikbru u jintilef kollox. Il-kaz jirrizali ghal 2008 u m’ghandux ihallas ghalih issa.

Ikkunsidrat.

Dawn l-argumenti migjuba mill-appellant quddiem il-Qorti ta’ l-Appell kollha ngabu quddiem il-Qorti tal-Magistrati illi tat ir-ragunijiet taghha l-ghala dehrilha illi kellha tibghat lill-appellant ghal terminu ta’ prigunerija effettiva. Ghall-ewwel Qorti l-precidenti ta’l-appellant kienu serji wisq biex jigu njorati, bhal ma setghetx tinjora dawk l-opportunitajiet kollha illi nghatawlu sabiex jirriforma ruhu u ma ghamel xejn. Ma hemmx dubju illi r-recidiva huwa piz tqil fuq

spallejn l-appellant u mhux facli jehles minnha. L-ewwel Qorti pero' hadet kollox inkonsiderazzjoni kif ukoll u specjalment l-ammissjoni bikrija ta' l-appellant u errogat piena illi tidhol fil-parametri tal-Ligi.
Pero`, l-Qorti mihiex aversa ghal progess li wera l-appellant miz-zmien li wettaq dan ir-reat u forsi huwa l-kaz li jinghata kuragg ghal bidla radikali li l-appellant wettaq f'hajtu. Il-Qrati taghna rrikonoxxew din is-sitwazzjoni u f'kazijiet kongruwi dejjem ghenu dak li jkun ikompli fil-hajja responsabbli li jkun wera, anke meta l-precedenti ma jkunux sbieh. Fil-kawza "Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly et" (9 ta' Ottubru, 2008) il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet fost affarijiet ohra *"Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija".* Din il-Qorti thoss li hawn tezisti din l-opportunita` u jkun ghaqli li tigi sfruttata, anki jekk hemm bzonn b'terminu ta' probation iehor. Il-Qorti tal-Appell fil-kawza fuq imsemmija kompliet tghid : *"Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446."*

Din il-Qorti thoss li dan hu wiehed mill-kazijiet "li jikkwalifikaw" u l-appellant jimmerita li tinfetahlu din it-tieqa ta' opportunita` b'awgurju li jisfruttha bl-aktar mezz possibbli u jirreciproka dik il-fiducja li l-Qorti qeghda turi fih.

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa` l-appell, tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, tvarja u tbiddel dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundannat lill-

appellant ghal piena ta' prigunerija ta' sitt xhur u minflok tillibera lill-appellant that il-provvedimenti tal-art. 22 tal-Kap. 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------